SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 36/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 04/12/'13** **36**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 04/12/'13** **46**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2013

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: Il-Membru Michael La Rosa (Inc. Ref. P714/13)
Is-Sindku Peter Bonello

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-28 ta' Novembru 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta' Membru
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 34/KA1/13 u 35/KA1/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva pproponihom

1.3.03 Iċ-Ċermen issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P680 | Email mingħand il-Waste Collection Ltd dwar tqegħid ta' skips għal użu tal-kenniesa. |
| P693 | Email mingħand il-Perit Anton Camilleri rigward latrina pubblika ġewwa Paceville. |
| KA207, P694, KA218 & P710 | Korrispondenza dwar l-ġbir tal-iskart minn quddiem id-dar numru 1, Triq Dragunara. |
| P712 | Talba mingħand il-FIMBank sabiex jerġgħu jinżebgħu r-*road markings* fi Triq Elija Zammit. |
| P714 | Email mingħand il-Membru Michael La Rosa rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Diċembru 2013. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P680

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Waste Collection Ltd. dwar talba biex titqiegħed skip li tkun tissakkar, f'Paceville għall-użu tal-kennies. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jaċċettax din it-talba. Dan minħabba li jibda jintefa aktar skart mad-dawra.

Rif. Nru. KA207, P694, KA218 & P710

2.03 B'riferenza għall-korrispondenza b'konnessjoni mal-ġbir tal-iskart minn quddiem id-dar numru 1, Triq Dragunara, l-Kumitat ikkonferma li l-iskart ta' din it-triq qed jinġabar kuljum, kemm tal-borża s-sewda kif ukoll tal-borża l-griża.

Rif. Nru. P712

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand il-FIMBank sabiex fi Triq Elija Zammit fejn saru xogħlijiet fuq il-bankina jerġgħu jinżebgħu r-*road markings* għas-spejjeż tagħhom. Ġie deċiż unanimament li l-FIMBank tiġi nfurmata li l-Kumitat Amministrattiv Paceville ma japprovax li jsiru dawn il-marki tat-toroq. Dan minħabba li x-xogħlijiet fuq il-bankina l-ġdida saru mingħajr l-approvazzjoni kemm tal-Kumitat Amministrattiv Paceville kif ukoll tal-Kunsill.

2.05 Kopja ta' din l-ittra tintbagħat lill-kuntrattur Giovanni Mifsud.

## 3. Aġġornament - *Co-option* ta' Membru

3.01 Iċ-Ċermen reġa' nforma lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu nteressat.

## 4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen

4.01 Iċ-Ċermen irringrazzja lill-Membri għall-kooperazzjoni tagħhom matul is-sena filwaqt li awgura lilhom u lill-familji tagħhom il-Milied u s-Sena t-Tajba.

4.02 Dawn l-awguri ġew reċiprokati mill-Membri.

4.03 Ġie deċiż unanimament li l-ikla għal żmien il-Milied għall-Membri tal-Kumitat flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv issir *The Avenue* fl-12.30 p.m, nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2014.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A') u pproponihom.

5.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 264 sa nru. 268 (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Kumitat ġie nfurmat li r-Request Sheets li hemm '*on hold*' ser jinħarġu kollha f'Jannar filwaqt li l-Purchase Request Sheet nru. 266 biss inħarġet peress li kien xogħol urġenti.

6.03 Il-Membru Joe Oliva pproponihom.

6.04 Iċ-Ċermen issekondah.

6.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.06 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2014 fl-10.00a.m.

6.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-10.30a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**